SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tnejn u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Gimgha 24 ta' Gunju 2011 fn-12:00 nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

.

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | |
| | John Mercieca |
| | Joseph Sultana |
| | Luigia Grima |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 <u>Korrispondenza</u>

3.1 Giet trattata l-ittra minghand il-MEPA rigward xi tibdil meħtieg fl-applikazzjoni tal-latrina. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonsulta mal-Perit Vella biex isiru l-modifikazzjonijiet necessarji.

3.2 Gew trattati xi ittri mibghuta mill-ufficcju tal-Prim Ministru rigward xi esproprjazzjoni ta' art li saret fit-Triq tad-Dwejra biex setghet titwessa' t-triq.

3.3 Giet trattata wkoll l-ittra ta' notifika mill-MEPa rigward il-ksur ta' kontroll li ghandhom xi boathouses fid-Dwejra.

3.4 Giet trattata Memo 52/2011 rigward il-Car Free Day u l-kompetizzjoni marbuta maghha. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi li kemm il-darba jiehu l-fondi, jkun jista jqassam mitt biljett li jiswew €10 –il wiehed li jintitolaw lill-individwu biex juza t-trasport pubbliku ghal xahar shih. Sar qbil ukoll li ghandhom jinxtraw zewg roti li jkunu jistghu jigu mislufa lil min jixtieq jaghmel uzu minnhom.

**4.0 Stedina lill-President biex jaghmel zjara ufficjali fil-lokalita' taghna**

4.1 Is-Sindku propona lit kun haga xierqa li nistiednu lill-President ta' Malta jaghmel zjara ufficjali fil-lokalita' taghna. Il-Kunsill qabel mal-principju u sar qbil li ghandna nlaqqghuhom mal-komunita u mal-NGO's. Sar qbil li ghandna nistiednuh formalment.

**5.0 Xiri ta' barriers u signs biex jintuzaw mill-Kunsill**

5.1 Is-Sindku semma l-htiega ta barriers u no parking signs li jkollna bzonn kull meta norganizzaw xi attivita. Il-Kunsill qabel ghalhekk li ghandna nigbru mmedjatament stima ta' traffic barriers u no parking signs.

**6.0 Hatra ta' adjudicating board ghall-offerta tal-pjazza**

6.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jahtar evaluation committee biex jevalwaw it-tenders mitfugha ghax-xogholijiet tal-progett tal-pjazza. Il-Kunsill qabel li l-Bord ghandu jkun compost mill-Perit Edward Scerri, l-Perita Ivana Farrugia u jekk ma tistax hi xi perit iehor, mis-Sur Salvu Bonello u mis-Sinjura Michelle Vella bhala Segretarja.

**7.0 Reklami fuq il-barriers li ghandna fil-lokal.**

7.1 Is-Sindku rrefera ghall-proposta li ntbaghtet mill-Kumpanija Frank Salt, sabiex jinstallaw reklami fuq xi barriers ezistenti u anke lesti li joffru ohrajn godda.

7.2 Il-Kunsill qabel ma din l-offerta u wkoll jipproponi li naghmlu zewg barriers godda fl-entratura tal-iskola.

**8.0 Pjanta tal-perit rigward ir-road markings**

8.1 Is-Sindku semma' li l-kumpanija Transport Malta talbitna pjanta ta' Perit sabiex ikunu jistghu japprovaw il-parking bays. Sadanitant il-Kumpanija IPS Ltd li qed tahdem fuq ir-rapport tal-Pjazza taht Mizura 323, ser jinkorporaw fir-rapport taghhom Traffic Management fit-toroq ta' madwar l-istess pjazza.

8.2 Ghalhekk sar qbil li ghandna nistennew ir-rapport taghhom u wara nipprocedu fuqu.

**9.0 Korsijiet ghas-sajf**

9.1 Sar qbil li ghal din is-sena peress li hafna mit-tfal ser ikunu mpenjati jew fi Skola Sajf jew fis-Summer Fun Club mhux ser ikollhom aktar hin ghall-korsijiet. Gie deciz ghalhekk li ghal dan is-sajf norganizzaw biss ir-reading session ghat-tfal.

**10.0 Hrug ta' tender ghal culverts fil-pjazza**

10.1 Is-Sindku semma' li l-Perit Scerri qed jipprepara l-pjanti u d-dokumentazzjoni tal-offerta ghal culverts tal-Pjazza sabiex malli jkunu lesti nohorgu sejha ghall-pubbliku.

**11.0 Hrug ta' post ta' project administrator taht Mizura 323**

.

11.1 Is-Sindku rrefera ghal-laqgha li kellha s-Segretarja mal-awtorita li qed tmexxi l-progett tal-pjazza. Saret referenza ghall-fatt li l-offert tal-Project Administrator harget taht mizura 313 filwaqt li ahjar tohrog that 323. Ghalhekk gie ssugerit li taqa' l-ewwel offerta u nohorgu offerta ohra.

**12.0 Materji ohra**

12.1 Il-Kunsill iddiskuta l-iskema l-gdida tat-trasport pubbliku. Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq xi lmenti lil Kumpanija Arriva bhalma hija n-nuqqas ta' rotta diretta mic-Cirkewwa ghall-isptar Mater Dei kif ukoll dwar il-htiega li l-ewwel tluq isir tal-inqas kwarta qabel biex il-Lawrenzjani jkunu jistghu jilhqu t-trasport ghal-vapur.

12.2 Il-Kunsill iddiskuta l-problema tal-mezzi tat-trasport li jkollhom bzonn il-haddiema tal-id biex jaghmlu diversi xoghol fil-lokal u anke bosta drabi meta jkollhom bzonn jixtru xi materjal minn lokalitajiet ohra u xi garr tat-taghbija waqt ix-xoghol taghhom. Gie ssugerit li ghandhom jingabbru stejjem biex fil-kaz jinxtara truck pick-up second hand. Sar qbil li ghandna ngibu xi stimi li hawn fis-suq.

12.3 Giet trattata l-ittra minghand il-Kumitat tal-Festi Esterni fejn ssuggerew li fil-jiem tal-festa l-kiosks jitharrku minn fejn huma prezentament ghal Triq il-Wileg. Sar qbil li ghandna ninfurmaw lil kull hawker dwar dan.

12.4 Il-Kunsill Lokali fuq talba li saret mill-Kumitat li qed jiehu hsieb jorganizza il-Musical 1062 li ser jittellgha fit-8 u t-28 ta' Lulju fil-Knisja u l-Pjazza ta' San Lawrenz dwar il- San Lawrenz, qabel li ghadnu jikkolabora ghal dan il-ghan. Il-Kunsill qable li din hija okkazzjoni sabiex naghtu liz-zghazagh taghna opportunita' kulturali mill-aqwa u hija okkazzjoni li qed tghaqqad liz-zghazagh taghna aktar flimkien. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkollabora bis-somma ta' €1000 li tkopri parti mill-ispejjes kbar involuti.

12.5 Il-Kunsillier John Mercieca rega talab sabiex isir il-passagg ta' Triq il-Wileg. Huwa propona li jekk dan il-passagg jibqa ma jsirx fi zmien gimghatejn jitlob sabiex tissejjah laqgha tal-Kunsill. Dak il-hin rega sar kuntatt mis-Sindku mas-CMTU u kien ikkonfermat li dan ix-xoghol ser isir minnhom u li fil-prezent qed jistennew li ssir offerta gdida u malli din l-offerta tinghata jsir ix-xoghol fuq dan il-passagg.

Il-laqgha ntemmet fis-13:30.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***